**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Rikors Numru: 565/24 AL

A B
u
C B

vs

X

(M.R. Numru 1407/2018)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-esponenti zzewgu fit-tmienja ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (08/06/2018) [Dok. A], mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Mary Camilleri Cutajar [Dok. B].

3.Illi l-partijiet ilhom separati de facto aktar minn sitt xhur. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavits rispettivi taghhom ezebiti bhala Dok. Cu Dok. D.

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, 1-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fit-tmienja ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (08/06/2018).
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha ta-5 ta’ Dicembru 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Novembru 2024 u *de facto* separati ghal aktar minn sitt xhur;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.